MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Appell Civili Numru. 373/2008/1

**Vincent Fenech**

**vs**

**Maryanne Fenech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fid-19 ta' Ottubru 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti:***

*Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-hdax ta' Novembru 2008 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma t'erbat elef, erba' mija u erba' u tmenin ewro (€4,484.00) rappresentanti s-sehem taghha minn taxxa li thallset minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u li kienet pagabbli*

*minnhom it-tnejn, oltre l-imghaxijiet li huwa kien kostrett ihallas unikament bi htija taghha.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata d-29 ta' Lulju 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 3066/08MM u bl-imghax legali kontriha li tibqa' ngunta in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-konvenuta rikonvenzjonanti fejn esponiet is-segwenti:-*

*"1. Illi, permezz ta' rikors ipprezentat nhar il-11 ta' Novembru 2008, li jgib in-numru 373/2008 fl-ismijiet premessi, r-rikorrent Vincent Fenech talab lil din l-Onorabbi Qorti tikkundanna lill-intimata f'dawn il-proceduri, thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, erba' mija u erba' u tmenin ewro (€4,484) allegatament rapprezentanti s-sehem taghha minn taxxa li thallset mill-attur lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.*

*2. Illi fir-rikors promotur tieghu, l-attur allega li mghaxijiet li kellu jhallas lid-Dipartiment tat-Taxxa kienu dovuti minnu minhabba r-rekalcitranza tal-konvenuta li thallas is-somma allegatament dovuta minnha u dan skont ittra ufficjali mibghuta lilha datata 29 ta' Lulju 2008.*

*3. Illi permezz tar-rikors tieghu l-attur talab ukoll li jithallsu l-ispejjez tal-ittra ufficjali premessa u tal-Mandat ta' Sekwestru li jgib in-numru 3066/08 MM li kien hareg fil-konfront tal-konvenuta, bl-imghax legali.*

*4. Illi, preliminarjament l-azzjoni tal-attur hija irrita u dan stante li m'hemm ebda pretensjoni li tista' tigi vvantata mill-attur kontra l-konvenuta Maryanne Fenech, u dan ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni li gie ppublikat nhar it-30 ta' Ottubru tas-sena 2001 in atti Dr. Rachel Busuttil Nutar Pubbliku f'Malta, kopja ta' liema kuntratt qieghed jigi hawnhekk anness flimkien ma' din ir-risposta u mmarkata bhala Dok A.*

*5. Illi senjatament il-kuntratt surriferit, fil-klawsola numru hamsa (5) paragrafu (a) sub inciz (1) testwalment jghid li*

*'…mill-irkavat tal-bejgh ta' din id-dar (matromonjai) ghandha l-ewwel tithallas it-taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni..'*

*6. Illi ghalhekk fl-ewwel lok ma gie kostitwit ebda debitu bejn il-kontendenti f'din il-kawza u semmai l-kuntratt jirraporta relazzjoni guridika bejn il-kontendenti odjerni u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.*

*7. Illi fit-tieni lok, id-disposizzjonijiet tal-kuntratt li bih il-konjugi Fenech irregolaw is-separazzjoni taghhom, huma cari u jirrizulta ghalhekk illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi meta tinbiegh id-dar matrimonjali tithallas sehem it-taxxa dovuta mill-konvenuta Maryanne Fenech u dan mis-sehem li jispetta lilha mill-bejgh, u dan in linea mal-principju pacta sunt servanda, il-kuntratt ta' separazzjoni hija ligi bejn il-partijiet, liema dicitura hija cara, ma taghti ebda lok ghal interpretazzjoni u ghaldaqstant il-pretensjoni tal-attur ghandha tigi michuda f'dan l-istadju.*

*8. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-sueccepit l-azzjoni tal-attur hija irrita wkoll fit-tieni talba tieghu u dan stante li l-kuntratt ta' separazzjoni li kopja taghha giet hawn annessa kif indikat aktar 'il fuq f'din irrisposta, tezenta lill-mara, qua konvenuta mill-obbligu li thallas multi, imghaxijiet jew penalitajiet ohra u dan billi l-kuntratt fil-klawsola numru hamsa (5) paragrafu (a) sub inciz (i) tghid '…esklussivament pero' imghaxijiet u multi li talvolta jistghu jirrizultaw u li jibqghu a kariku esklussivament tar-ragel…' u din il-posizzjoni giet ukoll affermata fil-proviso tal-istess artikolu citat, fejn din tiddisponi li r-ragel qed jassumi li jhallas dawn il-penalitajiet*
*minghajr il-jedd tar-ragel li jitlob xi kontribuzzjoni mill-mara' u dan filwaqt ukoll li fuq il-kuntratt ir-ragel jobbliga ruhu li jindenizza lill-mara fl-eventwalita' li thallas xi parti minn dawn il-penalitjiet.*

*9. Illi, ghalhekk l-azzjoni tal-attur hija ghall-ahhar intempestiva u dan stante li ma stenniex li jigi ffinalizzat il-bejgh tad-dar matrimonjali u ma jsirx il-versament allegatament dovut, qabel ma intavola din il-kawza u*

*ghaldaqstant it-talbiet tieghu ghandhom jigu kollha michuda u l-ispejjez kollha ta' din l-istanza kif ukoll tal-kontromandat eventwali u l-imghax legali a karigu tal-attur.*

*10. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghal dak surriferit qieghed jigi umilment sottomess li l-kuntratt ta' separazzjoni li referenza ghalih saret fil-kors ta' din ir-risposta, ma iddisponiex mill-assi konjugali kollha tal-mizzewgin Fenech, kontendenti odjerni, b'mod illi hemm ass partikolari, formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li ma giex dispost permezz tal-kuntratt u ghalhekk qieghed jintalab issa li jigi likwidat.*

*11. Illi l-konvenuta, in via rikonvenzjonali ai termini tal-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta, qieghda permezz ta' dina l-kontro talba titlob li sehemha jigi likwidat favuriha u dan skont dak kontenut aktar 'l quddiem f'dan ir-rikors u l-provi kollha producibbli fil-kors tal-kawza.*

*12. Illi waqt iz-zwieg l-attur Vinent Fenech qieghed ihallas Life Insurance mas-socjeta' assiguratirci estera Eagle Star li llum hija rapprezentata mis-socjeta' assiguratrici Eagle Star (Malta) Limited, liema polza skadiet meta l-attur ghalaq il-wiehed u sittin sena (61) u cioe' proprju fid-29 ta' Mejju 2008.*

*13. Illi ghalhekk il-konvenut rikonvenjzonanti Vincent Fenech akkwista, zamm ghalih u ghalhekk arrikixxa ruhu indebitament minn somma flus, li l-valur taghha ghad trid tigi accertata waqt l-andament ta' din il-kawza, li prettament nofs sehem indiviz minnha, tappartjeni lill-attrici rikonvenzjonanti Maryanne Fenech.'*

*Ghaldaqstant ghal motivi fuq premessi u l-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tal-kawza, l-esponenti umilment talbet lil din l-Onorabbi Qorti:*

*1. 'Tichad it-talbiet kollha tal-attur Vincent Fenech kif kontenuti fir-rikors promotur tieghu li jgib in-numru 373/2008 CSH; u*

*2. Tilqa' t-talba tal-attrici rikonvenzjonanti billi tillikwida is-somma dovuta lilha mil-polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-konvenut rikonvenjzonanti Vincent Fenech u tapporzjona dan l-ass socjali konjugali f'partijiet ugwali bejn il-kontendnenti u tordna li l-konvenut Vincent Fenech ihallas is-somma hekk likwidata lill-attrici Maryanne Fenech; u*

*3. Tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza sija dik tal-attur u l-konvenuta, tal-attrici u tal-konvenut rikonvenjzonati, tal-mandat ta' sekwestru li jgib in-numru 3066/08MM flimkien mal-imghax legali kontra Vincent Fenech.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' din l-istanza u l-imghax legali, kollha kontra l-attur, konvenut rikonvenzjonanti Vincent Fenech.'*

*Rat ir-risposta tal-attur Vincent Fenech ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta Maryanne Fenech fejn espona s-segwenti:-*

*1. 'Preliminarjament, illi l-istess talba rikonvenzjonali mhiex ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan ghaliex permezz tat-talba hekk avvanzata mill-konvenuta Maryanne Fenech rejalment hija qieghda tfittex biex ikun* ***varjat*** *il-kuntratt ta' separazzjoni li kien sar bejn il-kontendenti fit-30 ta' Ottubru 2001, u li in forza tieghu l-partijiet iddikjaraw li "huma pjenament sodisfatti mil-likwidazzjoni u qsim ta' dawn l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom". Kwalsiasi talba ghall-varjazzjoni ta' kuntratt simili hi ta' kompetenza esklusivament tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).*

*2. Subordinament, u minghajr pregudizzju ghall-premes it-talba rikonvenjzonali avanzata hija inostennibli fid-dawl ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq riferit.*

*3. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma ppercepixxa l-ebda hlas mill-polza riferita mill-konvenuta.'*

*Semghet lill-attur **Vincent Fenech** jixhed nhar is-17 ta' Frar 2009 u jikkonferma li verament kien hemm polza mahruga f'ismu ghalkemm din ma baqghetx tithallas peress li d-dar kienet thallset. Spjega li l-polza ma kinitx wahda recoverable, kienet tkopri biss id-dar, fis-sens li jekk imut id-dejn lil kien hemm fuq id-dar jithallas minn din il-polza ta' sigurta. Huwa esebixxa ricevuta li giet markata bhala Dok Z li hija l-ahhar premium li kien hallas in konnessjoni ma' din il-polza, u cioe' fil-11 t'Awwissu 2005.*

*Huwa esebixxa wkoll kuntratt ta' separzzjoni li gie redatt bejnu u l-mara, redatt min-Nutar Dr. Rachel Busuttil, li gie markat bhala Dok Y. Esebixxa wkoll dokument iehor li gie markat bhala Dok X, li hija ricevuta mahruga mill-Inland Revenue. Din kienet it-taxxa li thallset in konnessjoni mal-Year of Assessment 2002. Qal li din kienet tirrapprezenta t-taxxa li thallset fuq il-bejgh ta' garage, liema bejgh kien sar qabel is-separazzjoni taghhom. Jghid li huwa kien talab lil martu sabiex taghtih nofs il-hlas li kien ghamel izda hi rriffjutat u qalet li ma kellhiex x'taqsam ma tali hlas. Qal li huwa kien talabha thallas sehema minnufih u hi rrifjutat u kien ghalhekk li kien hallasha hu stess. Qal li martu ppretendiet li l-ewwel tinbiegh id-dar matrimonjali li kellhom u wara jsir il-hlas relattiv. Ghal darb' ohra qal li din it-taxxa ma kellha x'taqsam xejn mal-bejgh tad-dar. Spjega wkoll li martu kienet ghadha qed tghix fid-dar matrimonjali, u li ghalkemm kellu access ghaliha ma kienx jghix hemm.*

*Illi nhar il-hmistax (15) ta' Dicembru 2009, il-partijiet fil-presenza tal-avukati difensuri taghhom iddikjaraw li l-konvenuta kienet lesta li thallas l-ammont ta' tlett elef mitjen u wiehed u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€3,251.10) rapprezentanti sehmeha mit-taxxa li thallset mill-attur lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u dan bil-flus li hemm mizmuma f'kont kongunt bejn l-avukati rispettivi ta' din il-kawza. Il-konvenuta ddikjarat ulterjorment li hija lesta li tirrilaxxja dawn il-flejjes rapprezetanti nofs l-ammont*

*indikat f'ricevuta esebita a fol. 27. Illi pero' fis-seduta ta' wara u cioe il-25 ta' Frar 2010 Dr. Etienne Calleja ghall-konvenuta ddikjara li kuntrarjament ghal dak li gie mitiehem fis-seduta precedenti, u peress li l-konvenuta hija gja marbuta kontrattwalment li thallas it-taxxa spettanti lilha, tali ftehim hu superfluwu u ghalhekk ghandu jigi kancellat.*

*Nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2010 xehdet il-konvenuta* ***Maryanne Fenech*** *u kkonfermat li hija sseperat minn ma' zewgha fis-sena 2001 permezz tal-kuntratt bonarju esebit fl-atti a fol. 24 markat bhala Dok Y.*

*Hija cahdet dak li qal zewgha, u cioe' li hija kienet qed topponi l-bejgh tad-dar matrimonjali, tant li efettivament fil-mori tal-kawza din inbieghet. Qalet li hija qatt ma kellha lokkazzjoni li thallas it-taxxa minghajr il-penali. Qalet li ma kinitx hi li ttraskuratha, u ghalhekk m'ghandhiex ghalfejn thallas il-penali. Stqarret li qatt ma rceviet kont minghand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, w meta kienet marret sabiex taghmel xi verfiki ma tawhiex widen ghaliex qalulha li ma jafuhiex. Ikkonfermat ukoll li zewgha qatt ma baghtilha kontijiet tat-taxxa wara li kienu sseparaw.*

*Rat in-nota tal-attur ipprezentata fl-atti nhar il-25 ta' Frar 2010, li permezz tal-istess huwa esebixxa zewg dokumenti li gew markati bhala Dok A u Dok B, li huma ittra li giet mibghuta lill-konvenuta fejn giet mitluba thallas it-taxxa, u ittra ohra mibghuta mill-konvenuta lill-avukat difensur tal-attur b'risposta ghall-ittra li kienet irceviet minghandu.*

*Nhar it-tmienja (8) ta' Marzu 2010 il-konvenuta regghet xehdet u esebiet kopji tal-agreements li huma ffirmaw ma' diversi agenti, ghall-bejgh tad-dar matrimonjali li kellhom. Dawn gew markati bhala Dok Z. Ikkonfermat li d-dar konjugali taghhom inbieghet ghas-somma ta' mija u hamsin elf Lira Maltin (Lm150,000) fit-3 ta' Marzu 2009, skont il-kuntratt relattiv esebit fl-atti u markat bhala Dok 'Z1'. Qalet li minn din is-somma kienet irceviet is-somma ta' sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) ghaliex kienet ftehmet mal-attur li jhallu bejniethom is-somma ta' ghaxart*

*elef Lira Maltin (Lm10,000) depositati l-bank biex jaghmlu tajjeb ghat-taxxi li jridu jithallsu minnhom. Qalet li d-depositu relattiv sar fit-2 ta' Gunju 2009. Qalet li hija rceviet komunikazzjoni minghand l-avukat ta' zewgha dwar il-hlas ta' taxxa, u mhux mid-dipartiment koncernat.*

*In kontro-ezami nhar l-10 ta' Gunju 2010 ikkonfermat li huma kienu qabbdu lil certu Salvinu Tellus biex jara kemm kellhom ihallsu taxxa meta waslu biex jaghmlu l-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom. Huwa minnu wkoll li rrendikont tieghu kien jifforma parti integrali mill-kuntratt. Izda ma ftakritx jekk is-Sur Tellus kienx baghat ghaliha sabiex ikellimha fuq il-kont mertu tal-kawza. Cahdet li s-Sur Tellus qalilha li jekk ma thallasx il-kont kienet ser tehel l-imghaxijiet. Insistiet li l-kont kellu jithallas minn zewgha ghaliex kien jirrigwarda Income Tax u kien jghajjat lilu. Ikkonfermat li kienet iffirmat l-agreements mar-Real Estate Agents wara li kienet isseparat minn ma' zewgha.*

*In kontro ezami nhar it-23 ta' Gunju 2010 tghid li jekk kien hemm xi penalitajiet ta' taxxa, dawn kienu dovuti minn zewgha skont il-kuntratt ta separazzjoni.*

*Illi nhar l-14 ta' April 2010 xehdet* ***Mavourleen Agius*** *fil-kapacita' taghha ta' Manager mas-socjeta' Eagle Star (Malta) Limited. Ikkonfermat li l-polza li kellu l-attur maghhom kienet tkopri biss hajtu. Bdiet fil-11 ta' Awwissu 1982 u spiccat fil-11 ta' Awwissu 2007. Qalet li l-polza ma thallsitx fil-11 ta' Awwissu 2006 u ghalhekk giet bla valur. Qalet li s-somma flus li kien hemm inxurjat kienet tithallas lill-eredi f'kaz ta' mewt. Ikkonfermat li l-polza ma kellha l-ebda surrender value.*

*Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-attur ipprezentata nhar it-23 ta' Awwissu 2010.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-12 t'Ottubru, 2010.*
*Ikkunsidrat:*

*Illi m'hemmx dubbju li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti hija dik regolata bil-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat*

*minnhom nhar it-30 ta' Ottubru 2010 u ghalhekk kwalsiasi talba ghandha tigi gudikata fid-dawl ta' dak li hemm stipulat.*

*Illi huwa ben not illi ftehim bejn il-partijiet jorbot lill-istess partijiet sakemm ma jkun hemm xejn li jmur kontra l-ligi f'dak il-ftehim. Dan huwa dak li hu maghruf bhala pacta sunt servanda. Kif inghad, huwa ta' mportanza massima fil-ligi dwar relazzjonijiet bejn persuni u l-partijiet kontraenti "li l- principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda" (ara Appell Civili datat 5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet* ***"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines"*** *u* ***"General Cleaners Company Limited vs Accountant General et" –*** *P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).*

*Illi ghalhekk din il-Qorti trid taghmel referenza ghall-kuntratt li jorbot il-partijiet sabiex hija tghati nterpretazzjoni ta' dak li huwa dovut u ta' dak li mhux,*

*L-attur qed jippretendi li jithallas nofs il-kont tat-taxxa mhallsa minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond dak mitlub minnu fir-rikors promotur. Il-konvenuta min-naha l-ohra qed tghid li hija m'ghandha taghti xejn ghaliex dan il-kont jirrapprezenta hlas ta' Income Tax li kienet tghajjat lil zewgha l-attur. L-attur jispjega li din it-taxxa tirrapprezenta bejgh ta' garage u s-settlement tax f'dan irrigward kien jammonta ghal tliet elef sitt mija w disgha u tmenin ewro (€3,689) (Dok X), pero' peress li din is-somma ma thallsitx a tempo zdiedu l-imghaxijiet fl-ammont ta' elfejn tmien mija u tliet ewro (€2803). Din it-taxxa tirrigwarda s-Sena ta' Stima 2002 - Sena Bazi 2001 u ghalhekk zgur li m'ghandhiex x'taqsam mal-bejgh tat-terraced house bl-isem 'Geniman' numru 59 bil-garage street level, Triq l-Ghenba, Attard kif deskritt fil-konvenju esebit u datat 3 ta' Marzu 2009.*

*Illi fil-kuntratt fuq imsemmi m'hemm l-ebda referenza ghal xi taxxi li setghu kienu dovuti qabel il-bejgh tad-dar*

*matrimonjali u ghalhekk tapplika d-disposizzjoni generali dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, kif inserit fil-klawsola numru 6 (1) li tghid is-segwenti:-*

*"Il-partijiet jiddikjaraw li millum 'il quddiem kull wiehed u wahda minnhom tkun obbligata tisottometti Income Tax Return separatament u kull wiehed u wahda minnhom hu responsabbli unikament ghall-arretrati li jistghu jkunu dovuti fuq ir-return tat-taxxa rispetttiv taghhom."*

*Jigi rilevat li dan il-kont li ntbaghat lill-attur esebit fl-atti a fol. 27 huwa indirizzat lilu u jirreferi ghal xi taxxa dovuta bhala settlement tax ghas-sena 2002 flimkien ma' xi nteressi u taxxi addizjonali li talvolta kienu dovuti.*

*Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet kellhom jipprezentaw Income Tax Return separata mid-data tas-separazzjoni taghhom, u cioe' mit-30 ta' Ottubru 2001, u ghalhekk it-taxxa dovuta mill-attur wara din id-data ghandha tithallas minnu.*

*Il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-attur fin-nota t'osservazzjonijiet tieghu jaghmel referenza ghall-klawsola nurmu 5 (a) (1) dwar din il-kwistjoni tat-taxxa, ghaliex dik il-klawsola tirregola s-sitwazzjoni tal-hlas tat-taxxa fir-rigward tal-bejgh tad-dar fuq imsemmija, u li ghalhekk il-flejjes li gew depositati mill-partijiet fl-ammont t'ghaxart elef lira (Lm10,000) m'ghandhomx x'jaqsmu mal-hlas ta' dan il-kont.*

*Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mal-avukat difensur tal-attur fin-nota tieghu a fol. 3 meta ighid "Huwa egwalment car pero` illi fejn ikun inhareg kont ta' taxxa kif gara hawnhekk ghall-Year of Assessment 2002, u ma jkunx ghadu sehh il-bejgh tad-dar, it-taxxa relattiva riedet tithallas miz-zewg partijiet". Dwar din l-asserzjoni il-Qorti ma ssibx li hemm widen ghaliha f'dak li hemm skritt fil-kuntratt.*

***Ghalhekk it-talba tal-attur qed tigi michuda.***

*Dwar it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta, u cioe' li hija ghandha tiehu sehma mill-polza ta' assigurazzjoni li kien hemm mal-Eagel Star (Malta) Limited registrata f'isem l-attur, jinghad li din il-kwistjoni titratta ma' varjazzjoni f'kuntratt u din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza li taghmel hekk. Jinghad pero' li mill-provi prodotti ma jirrizultax li tali polza qatt kellha xi valur oltre dak li jithallas id-dejn f'kaz ta' mewt. Ghalhekk stante li ma kien hemm ebda surrender value, ma kien hemm xejn aktar x'jigi diviz. Dan qed jinghad pero' bla pregudizzju ghall-konvenuta li taghmel proceduri fil-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja f'kaz li jidhrilha li ghandha taghmel proceduri ghal xi varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba promotorja tal-attur u b'hekk tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta f'dan ir-rigward, pero' qieghda tichad ittalba***
***rikonvenzjonali tal-konvenuta b'dan illi tilqa' l-eccezzjoni tal-attur ghal tali talba.***

***L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.***

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Vincent Fenech datat 8 ta' Novembru 2010 fejn talab lill-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza hekk moghtija billi tikkonfermaha in kwantu giet michuda t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, bl-ispejjez pero` kontra taghha, u tirrevokaha in kwantu giet michuda t-talba tal-esponent appellat b'dan illi joghgobha minflok takkolji l-istess talba tieghu u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta appellata, bl-ispejjez kontra taghha u dan kollox ghar-ragunijiet hemm premessi.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellata Maryanne Fenech datata 28 ta' Marzu 2011 (fol 17) fejn talbet lill-Qorti tichad l-appell interpost mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2011 meta ssejjah l-appell deher Dr. John Vassallo ghall-appellant prezenti u Dr. Etienne Calleja ghall-appellata prezenti. Dr. Calleja ma oggezzjonax ghall-prezentata tad-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-7 ta' Lulju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji fl-appell odjern huma (1) li l-interpretazzjoni korretta tal-klawsola 5 (a) (i) tal-kuntratt ta' separazzjoni ma saritx sew ghaliex il-partijiet f'dik il-klawsola kienu accettaw li l-arretrati ta' taxxa li kien hemm kellhom jithallsu bejniethom, u dan l-ammont kien ghadu mhux likwidat fid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni, izda nkluz fid-dokument "A" anness mal-istess kuntratt; (2) fl-istess klawsola huwa car li l-partijiet kienu qed jirreferu ghall taxxa li kienet ghada ma' hargitx u fil-fatt il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kienx ghadu hareg il-kont ghas-sena 2001 bhala sena bazi, u kien ghalhekk li l-partijiet qablu li la darba hareg il-kont, dan kellu jithallas mit-tnejn u kien ghalhekk li nzammet is-somma ta' Lm10,000 biex taghmel tajjeb ghat-taxxa kif stmata preventivament; (3) li l-konvenuta appellata accettat fil-verbal datat 15 ta' Dicembru 2009 li kienet lesta li thallas is-sehem taghha mill-kont, u kien biss wara li rtirat id-dikjarazzjoni taghha izda dan ma setax ikollu effett ghaliex tali dikjarazzjoni tammonta ghal kwazi kuntratt u dan skond il-gurisprudenza hemm citata fl-ismijiet **"Farmacista Giuseppe Debono vs Giovanna Debono"** (A.C. – 13 ta' Marzu 1953); **"Cini vs Portelli"** – A.C. – 2 ta' Ottubru 1925; **"Ebejer vs Degabriele"** – A.C. - 9 ta' Novembru 1936.

Illi fir-risposta taghha l-konvenuta appellata sostniet li (1) li tali taxxa ma hijiex dovuta mill-appellata ghaliex apparti klawsola 5 hemm ukoll klawsola 6 li tipprovdi li minn dak in-nhar il-quddiem kull parti hija obbligata li tissottometti *Income Tax Return* separatament u kull parti hija responsabbli unikament ghall-arrettati li jistghu ikunu dovuti fuq ir-Return tat-Taxxa rispettiv taghhom; (2) jirrizulta li l-appell huwa bbazat totalment fuq id-dikjarazzjoni li kienet ghamlet l-appellata quddiem l-Ewwel Qorti fejn qali li *"kienet disposta thallas it-Taxxa dovuta minnha jew ahjar is-sehem taghha mit-taxxa dovuta...".* F'dan il-kuntest din id-dikjarazzjoni setghet tigi rtirata, u jekk jigi ritenut li dan ma jistax isir, tibqa' torbot ghal dak biss li ddikjarat hi u cjoe' t-Taxxa dovuta minnha, u ghalhekk jekk hija ma hijiex tenuta li thallas tali taxxa, mela allura hija ma ghandha thallas xejn; (2) l-appellant ma ghandux jistrieh fuq id-dikjarazzjoni taghha minflok fuq il-provi prodotti u ghalhekk id-decizjoni ghandha tigi konfermata.

Illi wara li ezaminat l-atti kollha relattivi u d-decizjoni tal-Ewwel Qorti din il-Qorti thoss li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju dan huwa ben fondat u dan ghaliex jidher car mill-kliem stess tal-istess klawsola 5 (a) (i) tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 30 ta' Ottubru 2001 li mir-rikavat tal-bejgh tal-immobbli hemm deskritt l-ewwel kellha tithallas *"it-taxxa li tirrizulta dovuta lill Kummissarju tat-Taxxi Interni kif jidher skond dokument li qed jigi hawn anness u markat bhala Dok. "A", eskluzi l-imghaxijiet u multi li jirrizultaw u li jibqghu a kariku esklussivament tar-ragel. Fil-kaz ill it-taxxa totali dovuta dovuta ma tkunx ghadha giet determinata b'mod finali fid-data li fiha tinbiegh id-dar, qed jigi miftiehem illi mir-rikavat tal-bejgh jigi prelevat l-ammont ta' ghaxart t'elef lira Maltija (Lm10,000) li jitqieghed f'kont bankarju f'isem il-partijiet konguntament bejniethom biex minnu tithallas it-taxxa li tkun ghad trid tirrizulta dovuta b'mod definittiv".*

Illi jirrizulta li minn Dok. "A", li jinsab esebit mar-rikors tal-appell, li din it-taxxa li kienet ghadha mhux determinata mill-Kummissarju tat-Taxxa Interni, u kienet tinkludi dik indikata ghas-sena stima 2002 u tirreferi wkoll ghall-prezz

fuq bejgh ta’ proprjeta’ immobbli partikolari li kien sar qabel l-istess kuntratt, u allura certament ma hijiex taxxa li giet kontemplata fil-klawsola 6 tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni, izda proprju dik indikata fl-istess Dok. “A” anness mal-kuntratt ta’ separazzjoni, u esebit issa fl-atti ta’ dan l-appell, u l-kontenut tal-istess Dok. “A” ma jhalli l-ebda dubju dwar dan.

Illi mela allura t-taxxa mertu tal-kawza odjerna hija certament taxxa li kellha tithallas miz-zewg partijiet skond l-istess klawsola; kull ma seta` kien hemm dubju dwaru, la darba jigi kkunsidrat id-Dok. “A” kien biss l-imghax hemm indikat parti mir-ricevuta esebita a fol. 27 tal-process, izda jirrizulta li tali imghaxijiet ma kienux biss a karigu tar-ragel, izda kienu a karigu taz-zewg partijiet ghaliex jidher li din it-taxxa kienet dovuta miz-zewg partijiet fuq bejgh ta’ proprjeta’ li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejniethom (u l-presunzjoni tal-ligi hija hekk ukoll), u li fil-fatt dan l-ammont ta’ imghax akkumula peress li l-appellata ma rieditx thallas l-ammont dovut fuq il-bejgh ta’ garaxx qabel ma jsir il-bejgh tad-dar, u dan kif jirrizulta mix-xhieda tal-attur datata 17 ta’ Frar 2009 (fol. 22) u ghalhekk jidher car li l-intenzjoni tal-partijiet riflessa fl-istess kuntratt mertu tal-kawza odjerna, kienet cara li tali ammont ta’ taxxa u imghax kien dovut dejjem miz-zewg partijiet u t-tnejn kienu jafu bih, u allura kienu qablu, li dan jithallas minnhom it-tnejn la darba tinbiegh dik li kienet qabel id-dar matrimonjali; kien ghalhekk li kellha tinzamm is-somma imsemmija fl-istess klawsola sabiex minnha jithallas tali debitu minn dak l-ammont ta’ Lm10,000 biex minnu tithallas it-taxxa li tkun ghad tirrizulta dovuta b’mod definittiv.

Illi dan ifisser li kif inghad dak indikat fis-sitt klawsola tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni ma kellu xejn x’jaqsam mat-taxxa mertu tal-kawza odjerna, u dan johrog car kemm minn klawsola 5 u dan huwa kkonfermat iktar meta l-istess kwalsola tigi kkunsidrata fid-dawl tad-Dok. “A”, li kien anness mal-istess kuntratt ta’ separazzjoni u li gie esebit biss fl-atti ta’ dan l-appell. B’hekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh.

Illi it-tieni aggravju huwa dwar id-dikjarazzjoni li ghamlet il-konvenuta appellata fil-verbal quddiem l-Ewwel Qorti datat 15 ta' Dicembru 2009 (fol. 32) fejn hemm indikat li:-

*"Il-konvenuta tiddikjara li lesta li thallas l-ammont ta' rappresentanti s-sehem taghha mit-taxxa li thallset mill-attur lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan bil-flus li hemm mizmuma f'kont kongunt bejn l-avukati rispettivi ta' dil kawza, u tiddikjara ulterjorment li hija lesta tirrilaxxa dawn il-flejjes rappresentanti nofs l-ammont f'ricevuta esebita a fol. 27. Il-kartament ghal lum hija biss fuq il-bilanc ta' Ewro 1,233 mitluba mill-attur".*

Illi jinghad li din id-dikjarazzjoni giet sussegwentement irtirata b'verbal datat 25 ta' Frar 2010 fejn inghad li:-

*"Dr. Etienne Calleja ghall-konvenuta jiddikjara li l-kuntrarjament ghal dak li gie miftiehem fis-seduta precedenti u peress li l-konvenuta diga' hi marbuta kuntrattwalment li thallas it-taxxa spettanti lilha; Ghaldaqstant dak il-ftehim verbalizzat hu superfluwu u ghalhekk ghandu jigi kancellat".*

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li din id-dikjarazzjoni u l-verbal ma setghux jigu rtirati u din il-Qorti thoss li la darba huwa car li dan id-dikjarazzjoni kif verbalizzata fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2009 (fol. 32) saret konvenuta stess, fil-presenza tal-avukat difensur taghha u quddiem l-istess Qorti, u dan ma jfisser xejn izjed hlief li l-istess konvenuta pratikament accettat li hija ghandha thallas nofs l-ammont totali (nkluz allura l-imghax) indikat fir-ricevuta mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 14 ta' Ottubru 2008 a fol. 27 tal-process, mela allura din id-dikjarazzjoni torbot lill-konvenuta u ma setghetx tigi minnha rtirata u dan ghaliex jekk tali dikjarazzjoni hekk cara tithalla li tigi rtirata u/jew kancellata, din tkun ta' pregudizzju gravi ghall-parti l-ohra u dan ghaliex huwa maghruf li tali dikjarazzjoni kontenuta f'verbal tal-Qorti hija kkonsidrata bhala *"in judicius qausi contractur", u li ghalhekk verbal mizmum mir-Registratur, b'ordni tal-Qorti, jorbot lill kontendenti fis-sahha tal-kwazi kuntratt gudizzjarju (Appell 2 ta' Ottubru 1925 in re "Cini vs Portelli"; 9 ta' Novembru*

*1936, in re "Ebejer vs Degabriele"* u dan kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Farmacista Giuseppe Debono vs Giovanna Debono"** (A.C. – 13 ta' Marzu 1953).

Illi ghandu jinghad li dik id-decizjoni hawn appena citata kienet qed titratta fuq dikjarazzjoni li ghamel l-avukat ghan-nom tal-klijenti tieghu, kemm fil-presenza taghhom u kemm mhux fil-presenza taghhom, mentri f'dan il-kaz kienet il-konvenuta stess, li fil-presenza tal-avukat taghha, ghamlet tali dikjarazzjoni, dikjarazzjoni hekk verbalizzata mill-Qorti, b'mod preciz, tant li ssemma adirittura nofs l-ammont tal-istess ricevuta ta' €6,503 (fol. 27) ekwivalenti ghall-€3,251.10 li l-konvenuta accettat li thallas u din id-dikjarazzjoni certament hija ammissjoni ghall-parti mill-ammont ta' *sorte* rikjamat fil-kawza attrici li kien jammonta ghas-somma ta' €4,484.00.

Illi ghal dak li huwa l-kumplament tas-sorte din il-Qorti ma thossx li l-appellanti ghandu ragun u ghalhekk it-talba attrici u l-appell odjern qed jigi milqugh fl-ammont ta' €3,251.10. Fil-fatt ma tirrizulta l-ebda raguni ghaliex it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghall-ammont ulterjuri, ammont li certament lanqas ma huwa nkluz fir-ricevuta mahruga fl-14 ta' Ottubru 2008, u dan iktar u iktar meta l-kawza saret fil-11 ta' Novembru 2008.

Illi ghalhekk dan l-aggravju tal-attur appellant qed jigi milqugh biss fl-ammont ta' €3,251.10 u ghalhekk din il-Qorti in vista ta' dak hawn deciz, qed tilqa' l-appell tal-attur appellant biss fis-sens li tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi, b'dan li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha, pero' tirrevokaha in kwantu giet michuda t-talba attrici, l-appellant odjern, u minflok tilqa' t-talba attrici fl-avviz prezentat quddiem l-Ewwel Qorti fil-11 ta' Novembru 2008 izda limitatament ghall-ammont ta' €3,251.10 rapprezentanti s-sehem tal-konvenuta appellata minn taxxa li thallset mill-attur lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u li kienet pagabbli minnhom it-tnejn skond kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-konvenuta appellata Maryanne Fenech datata 28 ta' Marzu 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell tal-appellant Vincent Fenech fir-rikors tal-appell tieghu datat 8 ta' Novembru 2010 limitatament u biss fis-sens hawn deciz, b'dan li tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi "Vincent Fenech vs Maryanne Fenech" datata 19 ta' Ottubru 2010, b'dan li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta appellata, bl-ispejjez kontra taghha, pero' thassarha u tirrevokaha in kwantu giet michuda t-talba tal-attur, l-appellant odjern, u minflok tilqa' t-talba attrici fl-Avviz prezentat fil-11 ta' Novembru 2008 izda limitatament u biss fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u wiehed u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€3,251.10) b'dan li tikkundanna lill-konvenuta appellata thallas lill-attur appellant l-ammont ta' tlett elef, mitejn u wiehed u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€3,251.10) rapprezentanti sehem il-konvenuta appellata minn taxxa li thallset mill-attur appellanti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u li kienet pagabbli minnhom it-tnejn.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez taz-zewg istanzi dwar it-talba attrici jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------